**200. Il-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa, l-Onor. Konrad Mizzi MP, jipproponi:**

Mozzjoni sabiex jiġi diskuss Ftehim strateġiku bejn
l-Enemalta u Shanghai Electric Power

Din il-Kamra:

Tinnota l-investiment strateġiku li sar minn Shanghai Electric Power fir-rigward tal-Enemalta nhar it-12 ta' Diċembru 2014 u l-pagamenti li saru skont kif mitlub mill-Gvern.

Dan kien investiment meħtieġ biex jindirizza l-problemi finanzjarji kbar li tħallew jakkumulaw fl-Enemalta u wassal biex jiggarantixxi l-futur tal-Enemalta, u b'effett pożittiv fuq il-finanzi tal-pajjiż u l-ekonomija.

Minn Enemalta b'aktar minn €840 miljun dejn, b'dipendenza totali fuq iż-żejt, bla ebda pjan u direzzjoni għall-futur, dan il-ftehim flimkien ma' ħidma oħra li qed issir mill-gvern qed iwassal għall-Enemalta lura fuq saqajha.

Dan l-akbar investiment barrani f'pajjiżna ġie milqugħ minn aġenziji ta' kreditu internazzjonali u indirizza riskji kbar li 1-Enemalta kienet qed tpoġġi fuq il-pajjiż.

Permezz ta' dan l-investiment, l-Enemalta qed issir operatur reġjonali.

Għalhekk din il-kamra tħeġġeġ lill-Gvern biex ikompli jaħdem f'din id-direzzjoni pożittiva u għalhekk qed issir din id-diskussjoni.

14.01.15

Qed inressaq emenda għal-mozzjoni ipprezentata mill-Onor Ministru għall-Enerġija datata 14 ta' Jannar 2015:-

Ħassar dak kollu li hemm wara "Din il-Kamra" u minflok daħħal dan li ġej:-

- Tinnota l-irwol baziku ta' provvista ta' enerġija nadifa, sigura u sostenibbli għall-iżvilupp soċjo ekonomiku ta' Malta;
- Tiftakar fil-wegħda solenni tal-On. Joseph Muscat, illum Prim Ministru, qabel l-2013 li hu kien qed jassumi responsabilita personali li l-proġett tal-bini tal-power station ġdida kellu jitlesta sa Marzu 2015, bil-konsegwenti riżenja tiegħu fin-nuqqas, wegħda li inkisret;
- Tiftakar fil-wegħda solenni qabel l-2013 tal-On Joseph Muscat, illum Prim Ministru li l-Enemalta ma kienetx ser tkun privattizata, wegħda li inkisret;
- Tinnota li l-Gvern irid li l-Kamra tiddiskuti l-privatizzazzjoni effettiva tal-Enemalta, l-bejgħ tal-power station ta' Delimara 3 (BWSC), t-trasferiment ta' ħaddiema tal-Enemalta lill-privat, l-obbligu li Malta tixtri l-elettriku mill-privat għal snin sħaħ għall-ħlas mhux magħruf, t-trasferiment ta' medded ta' art pubblika lill-privat, l-konverżjoni tal-power station għall-gass bla ebda data ffissata u bla ebda investiment minimu obbligat, u iktar, bla ma l-Gvern jinforma la 'l Kamra u lanqas 'l poplu bil-kuntratti l-Gvern iffirma dwar dawn il-materji ta' interess nazzjonali;
- Tesprimi l-istmerrija tagħha li l-Gvern irid li l-Kamra tagħmel dibattitu falz fuq l-obbligi li hu daħħal 'l pajjiż minn wara daharil-poplu;
- Ma tistax ma tirrimarkax li l-Gvern, effettivament, irid li d-dibattitu dwar id-dawl isir fid-dlam tal-assenza ta' informazzjoni essenzjali u li l-poplu għandu jedd għaliha;
- Tfakkar li l-On Joseph Muscat, illum Prim Ministru, kemm-il darba qabel l-elezzjoni tal-2013 wiegħed 'l poplu li kien ser ikun qed imexxi l-iktar Gvern trasparenti fl-istorja ta' Malta Indipendenti;
- Tikkundanna l-Gvern li qed jinsulenta 'l Kamra u 'l intelligenza tal-poplu meta jrid diskussjoni u appoġġ fuq materji li l-Gvern qed jaħbi malizzjożament;
- Tordna li l-Gvern bla dewmien jippubblika kull ftehim, *memoranda of understanding*, *side letters*, addenda, kuntratti, u *letters of intent* li ġew iffirmati ma' pajjiżi, kumpaniji, partnerships, individwi u entitajiet oħra fil-qasam tal-enerġija mit-8 ta' Marzu 2013 sal-lum;
- Tistenna xejn inqas mill-onesta politika li l-Prim Ministru Joseph Muscat kien wiegħed, fil-kampanja elettorali tal-2013, meta wiegħed li "Gvern ġdid għandu jkun onest man-nies" u għalhekk għandu jippubblika dak kollu li hu fl-interess tal-poplu;
- Tistenna li l-Gvern ma jibqax jaħbi mill-poplu dak li hu tal-poplu bi dritt.

**Simon Busuttil**

Kap tal-Oppożizzjoni

Mario de Marco

**(Emenda m'għaddietx)**